



Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2015/2132(BUD)

2.9.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2016
(2015/2132(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Reimer Böge

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-appropriazzjonijiet adegwati għandhom jiġu allokatil lill-intestaturi baġitarji relatati mal-kummerċ sabiex il-Kummissjoni tkun tista', b'effiċjenza u effikaċja, tkompli għaddejja bl-aġenda kummerċjali ambizzjuża tagħha mmirata lejn il-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi madwar l-Ewropa u lejn il-kisba tal-għanijiet internazzjonali usa' tal-Unjoni u tkun tista' tintensifika wkoll l-isforzi ta' monitoraġġ tagħha rigward l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali u l-effetti tagħhom;
2. Jenfasizza li l-Unjoni għandha tintensifika l-isforzi ta' monitoraġġ tagħha rigward l-implimentazzjoni u r-riperkussjonijiet tal-ftehimiet kummerċjali li ġew iffirmati jew li qed jiġu nnegożjati bħalissa mill-Unjoni; jappella sabiex jiġu allokatil biżżejjed riżorsi għall-valutazzjonijiet *ex ante*, *interim* u *ex post* tal-ftehimiet kummerċjali bil-għan li jiġu evalwati l-effetti tagħhom fuq l-ekonomija tal-UE u tal-pajjiżi sħab tagħha u li jiġi żgurat li dawk l-obbligi assunti mis-sħab kummerċjali qed jiġu implimentati u infurzati bis-sħiħ;
3. Jilqa' r-rwol dejjem jikber tal-NGOs fit-tiswir tal-opinjoni pubblika dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ; jenfasizza l-ħtieġa ta' strateġija effikaċi dwar il-komunikazzjoni min-naħa tal-Unjoni sabiex din tkun tista' tinforma liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fi kwistjonijiet kummerċjali kif ukoll tinvolvi ruħha aħjar magħhom;
4. Jilqa' ż-żieda ċkejna fl-impenji għall-Istrument għall-Assistenza Makrofinanzjarja u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat; jinsab, madankollu, ikkonċernat minħabba l-fatt li tali żieda mhux se tkun biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, inklużi l-programmi ulterjuri possibbli ta' assistenza għall-Ukrajna;
5. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ li ntlaħaq waqt id-Disa' Konferenza Ministerjali tad-WTO se tirrikjedi żieda fis-sostenn finanzjarju għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u għall-pajjiżi li jinsabu fil-fażi tal-iżvilupp; jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi koordinati bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex jiġu evitati tnaqqis tal-appropriazzjonijiet għall-Għajnuna għall-Kummerċ u l-inizjattivi multilaterali kif ukoll irregolaritajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni ma' ċerti sħab li jwasslu għal anqas effikaċja tal-infiq, u sabiex jiġi żgurat li l-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ jaħdem favur l-iżvilupp;
6. Ifakkar li fl-2009 il-Parlament introduċa EUR 1 miljun fi kreditu addizzjonali speċifikament għal azzjonijiet relatati mal-Kummerċ Ġust fl-intestatura baġitarja mmirata lejn il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-kummerċ barrani, u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni mill-ġdid ta' din l-intestatura baġitarja fl-2016 sabiex tiffinanzja azzjonijiet relatati mal-Kummerċ Ġust, hekk kif definit fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2009¹;

¹ COM (2009)0215.

7. Jikkonstata ż-żieda moderata fl-approprjazzjonijiet għall-Istrument ta' Sħubija; ifakkar li l-objettiv tal-programm huwa li jiffavorixxi l-opportunitajiet ta' kummerċ u investiment internazzjonali għall-SMEs Ewropej; jenfasizza l-importanza li l-SMEs jingħataw appoġġ tekniku sabiex dan jgħinhom isiru aktar internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u ttejjeb l-għodod eżistenti b'rabta mal-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom u tiżgura biżżejjed kontrolli u sorveljanza tal-attivitajiet kollha, bħaċ-ċentri tan-negozju Ewropej, bil-għan li tiżviluppa approċċ aktar koerenti, filwaqt li tiegħu kont ukoll tal-inizjattivi privati eżistenti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	31.8.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 5 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Maria Arena, David Borrelli, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, Marielle de Sarnez, Ska Keller, Jude Kirton-Darling, David Martin, Emmanuel Maurel, Emma McClarkin, Anne-Marie Mineur, Sorin Moisă, Alessia Maria Mosca, Viviane Reding, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Joachim Starbatty, Adam Szejnfeld, Hannu Takkula, Iuliu Winkler
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Reimer Böge, Klaus Buchner, Edouard Ferrand, Sander Loones, Gabriel Mato, Marita Ulvskog, Jarosław Wałęsa, Pablo Zalba Bidegain
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Karoline Graswander-Hainz, Miguel Urbán Crespo